

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI
U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

L-adattament skont l-inflazzjoni tal-ammonti minimi stabbiliti fid-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

(2016/C 210/01)

Skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà ⁽¹⁾, l-ammonti stabbiliti f'euro fl-Artikolu 9(1) ġew rieżaminati fl-2015 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi Ewropew tal-prezzijiet tal-konsumaturi ppubblikat mill-Eurostat, li jinkludi l-Istati Membri kollha.

B'riżultat tar-rieżami, l-ammonti stabbiliti f'euro huma kif ġej:

- fil-każ ta' dannu personali, l-ammont minimu tal-kopertura jiżdied għal EUR 1 220 000 għal kull vittma jew EUR 6 070 000 għal kull pretensjoni, ikun kemm ikun in-numru tal-vittmi,
- fil-każ ta' danni materjali, l-ammont minimu jiżdied għal EUR 1 220 000 għal kull pretensjoni, ikun kemm ikun in-numru tal-vittmi.

⁽¹⁾ ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8022 — KKR/Airbus Defence Electronics)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 210/02)

Fit-3 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tippovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32016M8022. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.